## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 185/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jimmy (Gerolamo) Buhagiar**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jimmy (Geralamo) Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 345677M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer is-Sibt 19 ta' Settembru, 2015 sal-Gimgha 25 ta' Settembru, 2015, kif ukoll is-Sibt 26 ta' Settembru 2015 sal-Gimgha 2 t'Ottubru, 2015 (1) Naqas li jaghti lil Charmaine Buhagiar, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas

is-somma; u (2) Irrifjuta li jaghti access lil wild taht il-kustodja tieghu lil Charmaine Buhagiar hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt minghajr raguni xierqa (Kap 9 Artikolu 338(II)); (3) Bhala persuna sar recediv b'sentenza datata 26 ta' Jannar, 2010, Dr. Joseph Apap Bologna LL.D, liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula (Kap 9 Artikolu 49, 50)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' April, 2016 li biha sabet lill-imsemmi appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti mill-prosekuzzjoni, lliberatu mit-tielet akkuza [recte: addebitu] u kkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni fuq l-ewwel zewg akkuzi;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jimmy (Gerolamo) Buhagiar,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' April, 2016, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tikkancella s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar l-4 ta' April, 2016, konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas, tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-akkuza, tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn illiberatu mit-tielet imputazzjoni, tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni, konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat :

1. Illi fl-udjenza tal-lum, l-appellant irtira l-ewwel aggravju u l-ewwel talba tieghu ghat-tahsir tas-sentenza appellata u ghalhekk jifdal biss t-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata li izda dwarha ma hemm l-ebda aggravju u wisq anqas ragunijiet ghaliex din il-Qorti ghandha dvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti;
2. Din il-Qorti semghet lill-parte civile tixhed illi llum il-gurnata l-kwistjoni bejn il-partijiet, li kienet wahda komplessa hafna, hija rizolta b'ffirmar ta' kutratt ta' separazzjoni, l-hlas tal-manteniment dovut u li l-access tal-minuri llum il-gurnata huwa wiehed regolari u seren;
3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, kif del resto jirrikonoxxi ukoll l-appellant, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338 (z) u (ll) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni tal-parte civile illi llum il-gurnata is-sitwazzjoni hija wahda serena;
4. Minkejja dan, u minkejja dak li ser isegwi, din il-Qorti tqis bhala gravi hafna sitwazzjon fejn wahda mill-partijiet tirrifjuta li taghti l-manteniment u access ghall-minuri aktar u aktar meta dan l-access ossia n-nuqqas tieghu ikun abbinat ma' xi kwistjoni pekunari jew piki bejn il-partijiet. In-nuqqas ta' access johloq ansjeta kbira fuq il-partijiet kollha b'mod partikolari ghat-tfal u xejn anqas lil dan jew dik il-genitur li tkun fid-dlam dwar il-wild tieghu jew taghha;
5. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u f'dik il-parti li fiha lliberatu mill-addebitu tar-recidiva, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' gimghatejn

detenzzjoni u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.